MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Numru. 1069/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Kevin Farrugia)**

**vs**

**Antonio Ellul ta' 44 sena, iben Rosario u Dolores xebba Ellul, mwieled Zejtun nhar it-13/12/1959, u joqghod 18, Triq il-Karmnu, Paola, li ghandu karta ta' l-identita' bin-numru16160(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Antonio Ellul li gie akkuzat talli nhar it-13 ta‘ Dicembru, 2004 ghall-habta tas-2 p.m. gewwa Triq Notabile H’Attard, gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta‘ Birkira u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer;

(1) Ikkaguna feriti hfierf fuq il-persuna ta‘ PC 712 Christopher Falzon hekk kif iccertifika Dr E. Xuereb MD Reg. No. 1826 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan bi ksur tal-artikolu 221(1)(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(2) Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta‘ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra PC 713 Christopher Falzon waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi, u dan ai terminu tal-artikolu 96(a0 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ malta.
(3) Ingurja jew hedded perusni ta‘ uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta‘ dan is-servizz u cioe fuq il-persuni ta‘ l-Ispettur Kevin Farrugia, il-Pulizija, PS 321 Alan La Grasta, PC 713 Christopher Falzon u persuni ohra u dan ai terminu tal-artikolu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(4) Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Kevin Farrugia, minn PC 713 Christopher Falzon u ohrajn waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkilhom waqt il-qadi ta‘ dmirijiethom. U dan ai terminu tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(5) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(6) Volontarjament qal kliem oxxen u espressjonijiet ta‘ daghha u dan ai terminu tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(7) Volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-danni tal-Gvern ta‘ Malta (beritta bl-arma tal-Pulizija) u dan ai terminu tal-artikolu 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(8) Ghad li kien xurban jghid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew jaghmel atti jew gesti oxxeni, jew b’xi

mod iehor li mhux provdut f’dan il-Kodici, joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jwe id-decenza pubblika u dan ai termini tal-artikolu 338(bb);
(9) F’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b’mod li ma kienx jista‘ jiehu hsieb tieghu innifsu u dan ai termin tal-artikolu 338(ff) tal-kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta;
(10) Imbotta lil haddiehor fit-triq biex iwegghu jew jinsultah u dan ai termini tal-artikolu 339(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta;
(11) Ghamel awrina f’post li mhux qieghed ghalhekk;
(12) Talli saq vettura bin-numru JAN-695, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta‘ motor car jew vettura ohra li tkun fi triq jew f’post pubbliku iehor wara li tkun ikkunsmat tant alkohol fil-proporzjoni tieghu fin-nofs, fid-demm jew fl-urina jkun izjed mil-limitu preskritt u dan ai termini tal-artikolu 15 B tal-Kap 65.
Il-Qorti giet gentilemnt mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta‘ tal-persuna ta‘ PC 713 Christopher Falzon il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll illi hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji u dan anke ghaliex gie esebit il-kunsens ghal proceduri sommarji.

Rat li fis-sedut atad-29/12/04 (fol 10) l-akkuzat ghazelli jirregistra ammissjoni ghal akkuzi kollha barr it-tnax il-akkuza. Kien ghalhekk li l-Qorit ordnat li jigi redatt pre sentecing report, esebit bhala Dok JT a fol 87 et sequitur.

Rat ukoll id-diversi dokumenti esebiti in relazzjoni tal-problemi li jaffliggu lill-akkuzat cioe dak ta‘ addizzjoni ghall-vizzju tal-alkohol u l-imgieba aggressiva li ghandu fil-konfront ta‘ uliedu, il-mod inkwetanti li jikkkoregi lil uliedu, bi swat minhabba l-problema tal-alkohol.

Illi semghet ukoll id-diversi xhieda, in partikolari r-rapporti ta’ l-Ufficjal tal-Probation John Testa fil-konfront tal-

progress jew digress li l-akkuzat qieghed jaghmel fi hdan l-agenzija ghall-Harsien mill-abbuz tad-Droga u alkohol (Sedqa). Semghet u rat ukoll (id-dokumenti) dak li kien qed jigri fi hdan il-familja ta‘ Antonio Ellul fil-konfront tal-minuri (dokumenti u xhieda mahruga u moghtija Appogg).

Ghaldaqstant fuq ammissjoni qed issibu hati ta‘ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikoli 221, 96, 95, 338, 339, 325, 17, 31 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat ukoll il-fedina penali li hija ghal kollox netta. Ikkonsidrat dwar il-piena illi verament l-attitudni ta‘ l-akkuzat xejn ma hija wahda pozittiva, pero‘ din il-Qorti f’dan l-istadju xorta tqis idoneju illi huwa jibda u jispicca b’success programm kontra l-abbuz ta‘ l-alkohol u l-attitudni tieghu fil-konfront ta‘ uliedu.

Ghaldaqstant qeghda tikkundanna lil Antonio Ellul ghal piena karcerarja ta‘ erba’ xhur sospizi ghal sena wra li rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9. Qeghda wkoll ai termini ta’ l-artikolu 28G tqeghdu taht ordni ta’ supervizjoni u tahtar lil John Testa bhala Ufficjal Sorveljanti b’dan illi huwa ghandu jsegwi b’success program fi hdan is-Sedqa kontra l-abbuz ta’ alkohol u programm fi hdan l-Appogg kontra vjolenza domestika.

Tordna l-komunika ta’ din is-sentenza lil John Testa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------